MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Avviz Numru. 314/2005

**Avviz numru 314/05DM**

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Euro Imports Limited (C 26684)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1,925.15) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21251303, 21251308 u 21251313 dana skond ma kif jidher mid-dokumenti annessi ma’ l-Avviz u mmarkati Dok A u B.

Bl-ispejjez tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti u semghet bil-gurament lill-PL Noel Scerri prodott mill-kumpanija attrici, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda konsegwentement tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1, 925.15) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-25 ta' Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------